# 57. Xbieha ta’ Qalbi

Li kelli nħażżeż xbieha tal-ġewwieni
ta’ qalbi miksi b’libsa kollha dija,
oh! kieku kont inħażżeż bar sewdieni
bi blat u ramel bil-għolliq miksija,

U ‘l hawn u ‘l hinn xi zokk bla dell, waħdieni,
xi dar bis-soqfa mwaqqgħa w imħollija,
u fl-għoli nqiegħed il-għajbur xehbieni
li jaħbi bil-kemm kemm tajr il-kefrija;

U f’nofs dil-ħerba, taħt palmiet ħadrana,
fuq il-ħerża tal-bir, hemm ħdejn id-dura,
inħażżeż lilek daqs l-irħam bajdana,

Tfajla ta’ mħabbti, kollok waħdenija
titbekka l-ġraja tagħna b’qalb miksura,
u titlob ħaqq u mewt minn min hu ħtija.